

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 179/2014****tal-25 ta' Settembru 2014****li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE
[2015/1247]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/25/UE tad-9 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi l-proċeduri ta' informazzjoni għall-iskambju, bejn l-Istati Membri, ta' organi umani maħsuba għat-trapjant ⁽¹⁾ jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 15zn (id-Direttiva 2010/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XIII tal-Anness II tal-Ftehim taż-ŻEE:

"15żna. **32012 L 0025**: Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/25/UE tad-9 ta' Ottubru 2012, li tistabbilixxi l-proċeduri ta' informazzjoni għall-iskambju, bejn l-Istati Membri, ta' organi umani maħsuba għat-trapjant (ĠU L 275, 10.10.2012, p. 27).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Din id-Direttiva ta' Implimentazzjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 7."

*Artikolu 2*It-testi tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2012/25/UE bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fis-26 ta' Settembru 2014, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Settembru 2014.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE**Il-President*

Kurt JÄGER

⁽¹⁾ ĠU L 275, 10.10.2012, p. 27.

(*) Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.